VERŻJONI ELETTRONIKA

A.L. 262 tal-2018

ATT DWAR IS-SALARJU TAL-IMĦALLFIN U TAL-MAĠISTRATI (KAP. 175)
Ordni tal-2018 dwar is-Reviżjoni tas-Salarji tal-Imħallfin u Maġistrati

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 2 tal-Att dwar is-Salarji tal-Imħallfin u tal-Maġistrati, hawnhekk iżjed 'il quddiem imsejjaħ "l-Att", il-Prim Ministru għamel dan l-ordni li ġej:-

Titolu u bidu fis-seħħ.

1. (1) It-titolu ta' dan l-ordni hu l-Ordni tal-2018 dwar ir-Reviżjoni tas-Salarji tal-Imħallfin u tal-Maġistrati.

(2) Dan l-Ordni għandu jitqies li daħal fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2018.

Reviżjoni tas-salarji ta' Prim Imħallef, Imħallfin u Maġistrati.

2. Għandu jitħallas lid-detenturi tal-karigi speċifikati fl-ewwel kolonna tal-Iskeda li tinsab ma' dan l-Ordni, minflok is-salarji stabbiliti bl-artikolu 2 tal-Att, is-salarji fis-sena rispettivament speċifikati għal kull waħda minn dawk il-karigi fit-tieni kolonna ta' din l-Iskeda.

SKEDA
(Artikolu 2)

	2018	
	Paga Bażika	*Cash Payment*
Prim Imħallef	€63,815	€495
Imħallfin oħra ….....….	€56,874	€441
Maġistrati tal-Qorti Inferjuri	€50,156	€389
